**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 21 ta’ Ottubru 2015**

Numru 6

**Rikors Nru. 24/2015**

**Silvio Buttigieg**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Silvio Buttigieg tal-4 ta’ Marzu 2015 li jghid hekk:

Xorta tal-ilment
1. Illi l-esponenti qieghed jilmenta mil-fatt li l-Kodici Kriminali ma jaghtiehx lok ghal appell minn digriet interlokutorju moghti minn Qorti, sakemm ma jkunx hemm appell ukoll mil-piena u dana skond l-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali. L-esponenti qieghed jilmenta li dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali ghaldaqstant huwa vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-fatti Ii minnhom jinqaIa’ l-ilment
2. Illi l-esponenti nhar is-6 ta' Gunju 2015 tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex jwiegeb ghal-numru ta' akkuzi relatati ma' pussess aggravat ta' droga;

3. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, nhar il-21 ta' Marzu 2007, l-esponenti nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, b'numru ta' kondizzjonijiet, fosthom depositu ta' disa' t'elef lira Maltija [Lm9,000.00]. Effettivament l-esponenti beda jgawdi l-beneficcju tal-helsien mill-arrest nhar it-3 ta' Awwissu 2007;

4. Illi minhabba x-xorta tal-akkuza u l-piena, skond il-ligi l-Avukat Generali ghazel sabiex il-kaz tal-esponenti jigi deciz mil-Qorti Kriminali, fejn intavola kontra l-esponenti l-Att ta' Akkuza numru 23/2009, liema Att ta' Akkuza gie ppresentata fir-Registru tal-Onorabbli Qorti Kriminali nhar it-23 ta' Gunju 2009;

5. Nhar l-1 ta' Dicembru 2009, l-Avukat Generali ppresenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali a tenur tal-artikoli 578 u 579(1) tal-Kodici Kriminali, fejn talab ll-istess Qorti sabiex thassar il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-esponenti u sabiex tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes imsemmija ossia s-somma ta' Lm9,000.00;

6. B'digriet tal-Qorti Kriminali ta' nhar il-4 ta' Dicembru 2009, il-Qorti Kriminali laqghet it-talba tal-Avukat Generali u ordnat it-tnehhija tal-liberta provvizorja tal-esponenti, kif ukoll il-telf tal-flejjes indikati;

7. L-esponenti permezz ta' rikors ippresentata nhar id-9 ta' Dicembru 2009 talab lil Qorti Kriminali sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-4 ta' Dicembru 2009, liema rikors permezz ta' digriet tal-11 ta' Dicembru 2009, giet michud;

8. Eventwalment il-proceduri kontra l-esponenti gew decizi b'sentenza tal-Onorabbli Qorti Kriminali tat-2 ta' Novembru 2011, fejn in segwitu ghal ezercizzju ta' plea bargaining, skond il-ligi, l-partijiet ossia l-esponenti u l-Avukat Generali, permezz ta' Nota a tenur tal-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali, qablu li l-piena li kellha tkun inflitta fuq l-esponenti kellha tkun dik ta' piena ta' erbatax-il sena (14) prigunerija. Il-Qorti Kriminali qablet mal-amont ta' prigunerija ssuggerit lilha u skond il-ligi mponiet fuq l-esponenti ukoll multa ta' tlettin elf euro (€30,000) kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' sitt mija u sebgha w disghin euro u disgha w tletin centezmu (€697.39) import tal-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli w immobbli ohra tal-hati;

9. In segwitu ghas-sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali, l-esponenti, entro t-terminu prefiss mil-ligi, ppresenta appell fejn talab it-thassir tad-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 minghajr ma ghamel xi appell mis-sejbien ta' htija u/jew mil-piena;

10. Fir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-appell, ippresentat mill-esponenti, l-istess Avukat Generali ressaq il-quddiem eccezzjoni preliminari a bazi tal-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali fejn ilment li l-esponenti ma ghandux dritt ta' appell.

Lanjanza tar-Rikorrent

11. Illi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa intiz biss sabiex tigi appellata decizzjoni, u cioe digriet interlokutorju moghti fl-atti tal-proceduri penali, mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. D. Scicluna, nhar l-4 ta' Dicembru 2009, fejn il-Qorti, wara rikors tal-Avukat Generali tal-1 ta' Dicembru 2009, laqghet it-talba tal-Avukat Generali u wara li rat l-artikoli 578 u 579(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, nehhiet lill-intimat Silvio Buttigieg il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid, u ordnat li s-somma ta' Lm9,000 imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta;

12. Pil-kaz odjern, dejjem jekk id-digriet tal-1 ta' Dicembru 2009 ghandu jigi meqjus bhala digriet interlokutorju, il-ligi ma taghtix rimedju lill-esponenti li jappella minn tali digriet;

13. L-artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, iqis li d-dritt tad-doppio esame, ossia l-appell, huwa dritt fundamentali tal-bniedem;

14. Il-lanjanza odjerna, tiehu xejra aktar serja meta jitqies li l-Avukat Generali nhar l-1 ta' Dicembru 2009 kellu zewg ghazliet quddiemha ossia jew li jipprocedi kif ghamel, jew inkella jaghti istruzzjonijiet lil Pulizija sabiex jixghlu Iill-esponenti b'delitt specifiku a tenur tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali. Kieku l-prosekuzzjoni mxiet fuq din l-ahhar opzjoni valida fil-ligi, l-esponenti kien ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [sede inferjuri];

15. Ghalhekk is-sitwazzjoni odjerna hija li l-esponenti li ma kienx b'ghazla tieghu li jaghzel b'liema proceduri jintuzaw sabiex huwa jigi ggudikat ta' vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, qieghed f'pozizzjoni li ma jistax jappella minn decizjoni ta' Qorti li gabet maghha telf tal-liberta tieghu kif ukoll telf patrimonjali sostanzjali;

16. Certment ma jistax jitqies li l-Qorti Kriminali hija ghola mil-Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Superjuri];

17. Certament ma jistax jinghad li d-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 ma ghandux is-sahha ta' conviction, tenut kont tal-fatt li in konsegwenza ta' dan id-digriet, l-esponenti rega' gie arrestat, kif ukoll tilef telf patrimonjali ta' Lm9,000.00;

18. L-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali effettivament jippriva lill-esponenti from a right to review;

19. L-ezistenza tal-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali is not pursing a legitimate aim izda minflok qieghed jinfringi the vey essence of a right.

Talba
GhaIdaqstant, ir-rikorrent umilment jitiob li, prevja u mghotija d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u opportuni, din I-Onor. Qorti joghgobha:-

1. TIDDIKJARA jekk id-digriet taI-4 ta' Dicembru 2009 moghti mil-Qorti Kriminali huwiex digriet interlokutorju o meno;

2. TIDDIKJARA l-artikolu 415(1)(2) tal-Kodici Kriminali bhala lezivi ghad-drittijiet tal-bniedem;

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond il-ligi sabiex ikun hemm rimedju effettiv ai fini ta' appell mid-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li sa minn issa jibqa' ngunt in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lilu fil-konfront tal-intimat Avukat Generali, senjatament izda mhux biss ghad-danni kollha li r-rikorrent sofra u ghad jista' jsofri.

Rat ir-risposta tal-Avukati Generali li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali mnedija mir-rikorrent hija wahda ghal kollox bikrija ladarba l-appell tieghu dwar id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 ghadu pendenti. Tassew huwa kontrosens li r-rikorrent jilmenta li huwa jinsab imcahhad mill-jedd ta' appell meta huwa ghad ghandu proceduri ta' appell li ghadhom qed jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Wisq logikament ir-rikorrent jista' biss ighid li huwa ma nghatax jedd tad-doppio esame jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tiddikjara li huwa ma kellux jedd li jappella mid-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009. Jekk u sakemm jigri dan, l-azzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali tibqa' wahda intempestiva;

F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, li qabel ma wiehed jista' jitkellem minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem huwa siewi li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Allura l-ilment imqanqal mir-rikorrent jista' jigi biss ezaminat ladarba jkun hemm id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghal dak li jiswa jista' jaghti l-kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali tiddeciedi li tiddikjara l-appell tieghu ammissibli u b'hekk l-ilmenti kostituzzjonali/konvenzjonali mqajma f'dawn il-proceduri jaqghu fix-xejn;

Ghalhekk b'kull rispett din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tqis din il-kawza sakemm ikun hemm decizjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan kollu fid-dawl tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrent jissokta jinghad li mhuwiex l-irwol ta' din l-Onorabbi Qorti bis-setghat kostituzzjonali taghha li tiddeciedi jekk id-digriet tal-Qorti Kriminali moghti fl-4 ta' Dicembru 2009 huwiex wiehed ta' sura interlokutorja jew le. Kwistjonijiet li jmissu mal-interpretazzjoni ta' ligi penali jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati Kriminali. Tabilhaqq il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti huwa li tiddeciedi jekk hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem u jekk ikun il-kaz li taghti r-rimedji li jkunu xierqa. Mhuwiex l-irwol taghha li toqghod taghti pronunzjamenti dwar l-interpretazzjoni tal-ligi sostantiva. Ghalhekk safejn ir-rikorrent fl-ewwel talba tieghu qieghed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti gudizzju interprettativ fuq id-dritt penali, dan ghandu jigi michud inkwantu jmur lil hinn mill-ghanijiet ta' dawn il-proceduri;

3. Illi dwar it-tieni talba, l-esponent jiddikjara li din hija ghal kollox barra minn lokha. Fis-sewwa r-rikorrent ma jistax jallega li huwa vittma tal-applikazzjoni tal-artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li dan l-artikolu tal-ligi, li jaqa' taht is-Sub-Titolu III tat-Titolu II imsejjah "Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali”, jghodd kif jidher car mill-isem tal-istess Sub-Titolu ghall-appelli minn decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Issa f'dan il-kaz ir-rikorrent mhuwiex qed jikkontesta xi provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura izda qieghed jattakka digriet li nghata mill-Qorti Kriminali. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-esponent qajla jista' jifhem kif jista' japplika l-artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ladarba ma kien hemm l-ebda decizjoni mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura;

Meqjus li l-artikolu 415(2) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta ma jghoddx ghal decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kriminali dan ghandu jgib fix-xejn l-ilmenti tar-rikorrent, inkwantu huwa ma jistax jilmenta fuq dan l-artikolu li lanqas biss huwa applikabbli ghalih;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent xorta jemmen li l-artikolu artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli, dan ghaliex fil-fehma tieghu d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2009 mhuwiex wiehed li jista' jitqies bhala interlokutorju. Digriet interlokutorju gie hekk imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Giovanni Borg Olivier nomine vs Emila Fava maqtugha fid-29 ta' Lulju 1918, "Che sotto la denominazione di decreto interlocutori si sogliono in giurispudenza designare le ordinanze delia Corte preparatorie od ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi "preparatorie" e quelli che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio";

Taht dan il-profil, id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2009 li ordna t-telfien tas-somma ta' Lm9,000 minhabba li gew miksura l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ma jaqax taht il-kategorija ta' digrieti interlokutorji ghaliex ma kienx jolqot il-mod kif kellhom jitmexxew il-proceduri kriminali, ma kienx jikkoncema t-tlugh tal-provi u lanqas ma seta' jitqies bhala xi fattur processwali li kellu effett fuq l-ezitu tas-sentenza finali;

Ghaldaqstant ladarba d-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 ma jaqax fil-kategorija tad-digrieti interlokutorji, dan ifisser li l-artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli;

5. Illi dejjem minghajr hsara ghal dak li ghadu kemm intqal, anke li kieku stess ghall-gieh tal-argument biss wiehed kellu jaccetta li l-artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghodd ghall-kaz taghna, jekk wiehed jaqrah sew dan ma jeskludix b'mod assolut il-jedd ta' appell. Kemm hu hekk, l-artikolu 415(2) jghid li ma hemmx appell minn digriet interlokutorju jekk is-sentenza definittiva ma tkunx appellabbli. Ifisser dan li jekk is-sentenza finali tista' tigi appellata allura d-digriet jista' jigi appellat ukoll;

F'dan il-kaz is-sentenza definittiva fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrent harget fit-2 ta' Novembru 2011. Fl-umili hsieb tal-esponent din is-sentenza setghet tigi appellata mir-rikorrent. Ghalhekk ladarba s-sentenza kienet

suxxettibbli ghall-appell, ir-rikorrent seta' jinqeda minn din il-fakolta biex jappella wkoll mid-digriet li kien inghata fl-4 ta' Dicembru 2009;

Issa jekk ghar-ragunijiet tieghu, ir-rikorrent iddecieda li ma jappellax mis-sentenza definittiva, allura huwa stess gie li cahhad lilu nnifsu milli jappella mid-digriet fit-termini tal-artikolu 415(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi b'hekk, li jekk ir-rikorrent ma setax jappella mid-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 dan kien rizultat tad-decizjoni tieghu li ma jappellax ukoll mis-sentenza definittiva. Fi kliem iehor ladarba d-divjet ta' appell kien awto-leziv (i.e. gabu b'idejh ir-rikorrent stess meta ghazel li ma jappellax mis-sentenza finali) allura huwa ma jistax jilmenta li ma kellux l-opportunita li jappella. Volenti non fit injuria;

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ladarba c-censura tar-rikorrent hija diretta lejn digriet u mhux sentenza tal-Qorti - jekk kemm-il darba r-rikorrent ma setax jappella minn dan id-digriet, haga li verament ghad irid jigi stabbilit ghaliex hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali - allura huwa ghandu kull jedd li jfittex ghar-rimedju mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li ghandha s-setgha residwa li tiehu konjizzjoni ta' kawzi li ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' xi qorti ohra bis-sahha ta' xi ligi ohra;

Kif inhuwa maghruf digriet ma huwex gudikat u allura dan jista' jigi attakkat b'kawza ad hoc billi wiehed jirrikorri ghas-setghat residwi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Din mhijiex xi haga straordinarja. Infatti fis-sentenza Avukat Generali vs Kap tas-Servizz tas-Sigurta et moghtija fis-7 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Appell fuq is-sahha tal-artikolu 32 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet qalet li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili hija kompetenti li tistharreg is-siwi ta' digrieti moghtija mill-qrati kriminali;

B'hekk l-ezistenza ta' dan ir-rimedju ordinarju ghandhom jeskludu l-issoktar ta' dawn il-proceduri skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija qabel, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu, l-esponent iqis li r-rikorrent ma jistax jilmenta minn ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni Malta. Fl-ewwel lok bid-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 ma giet deciza l-ebda akkuza kriminali migjuba kontra r-rikorrent, tant li huwa ma gie dikjarat hati tal-ebda reat. Fit-tieni lok, dawn iz-zewg artikoli mkien ma jaghtu xi dritt ta' appell jew li ghandu jkun hemm ezami doppju minn qorti superjuri (ara Edmond Espedito Mugliett et vs Il-Ministru tal-Gustizzja et, Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Marzu 2012). Ghalhekk safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq dawn iz-zewg artikoli dan huwa manifestament infondat;

8. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab imsejjes fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea l-esponent jistqarr li dan ma giex imfisser mir-rikorrent u allura ma jistax jifhem kif dan jinkwadra f'din is-sitwazzjoni. F'kull kaz, l-arrest tar-rikorrent kien wiehed gustifikat u kien jaqa' taht il-paragrafu (b) tal-artikolu 5(1), minhabba li r-rikorrent naqas milli jhares ordni li kien gie impost fuqu mill-Qorti;

Maghdud ma' dan, jekk wiehed ihares lejn id-decide tas-sentenza definittiva tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Novembru 2011 wiehed jista' jara li kull zmien li r-rikorrent ghamel taht arrest preventiv gie maqtugh mill-piena ta' erbatax-il sena prigunerija li giet inflitta mill-Qorti Kriminali. Ghalhekk iz-zmien li r-rikorrent ghadda l-habs wara li rega' kien gie ri-arrestat tnaqqsulu mill-piena finali;

9. Illi fl-ahharnett dwar l-ilment mibni fuq l-artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa wkoll improponibbli. Dan l-artikolu jitkellem dwar id-dritt li sentenza ta' sejbien ta' htija tigi mistharrga minn tribunal superjuri. F'dan il-kaz id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 ma jistax jitqies bhala xi digriet li ppronunzja xi sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Id-digriet inkwistjoni ddecieda biss jekk ir-rikorrent kisirx il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti mill-Qorti Kriminali wara li gie moghti lilu l-helsien mill-arrest. Tassew ir-rikorrent ma gie dikjarat hati ta' ebda reat skont id-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009. Ghalhekk dan l-artikolu tal-Konvenzjoni ma jsibx applikazzjoni;

Apparti minn hekk, kif fuq ga spjegat ir-rikorrent ma huwiex imcahhad milli jitlob stharrig tad-digriet de quo agitur. Ghalhekk ir-rikorrent mhuwiex fis-sewwa meta jghid li ma ghandux rimedju biex jitlob ir-revizjoni ta' dan id-digriet;

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jilmenta illi l-ligi kriminali qed iccahdu mid-dritt li jikkontesta digriet tal-Qorti Kriminali li ordnat it-telf tal-garanzija li hu iddepozita biex inghata l-liberta provvizorja pendent l-proceduri kriminali kontrih. Qed jigi allegat li dan jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 2 tas-7 Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Ir-rikorrenti gie akkuzat b’diversi reati fosthom importazzjoni u traffikar tad-droga. Fil-21 ta’ Marzu 2007 inghata l-liberta provvizorja marbuta ma’ diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jkunx barra bejn nofs il-lejl u s-sitta ta’ fil-ghodu, li jiffirma kuljum fl-ghassa ta’ Bormla u

jiddepozita s-somma ta' Lm7,000 fir-registru tal-Qorti u jaghti garanzija personali ta' Lm2,000. Pendenti l-proceduri kriminali l-Avukat Generali talab lil Qorti Kriminali tnehhi l-liberta provvizorja bil-konsegwenzi li din iggib maghha ghax gie allegat li l-istess rikorrenti kiser il-kundizzjonijiet tal-istess liberta provvizorja peress li inqabad f'road block tal-pulizija fis-siegha ta' fil-ghodu; ir-rikorrenti ammetta li kien bela' zewg pilloli ecstacy; offra rezistenza lil forzi armati; u kien ilu ma jirraporta l-ghassa ghal xi tlett xhur. Fl-4 ta' Dicembru 2009, il-liberta provvizorja giet revokata b'digriet tal-Qorti Kriminali u r-rikorrenti tielef kemm id-depozitu u l-garanzija personali. Ir-rikorrenti talab ir-revoka contrario imperio tal-imsemmi digriet li gie rikonfermat fil-11 ta' Dicembru 2009. Fit-2 ta' Novembru 2011 ir-rikorrenti ammetta l-akkuzi kontrih u gie kundannat erbatax-il sena habs, li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien tal-arrest preventiv.

Fit-23 ta' Novembru 2011, ir-rikorrenti appella mhux mis-sentenza jew il-piena inflitta bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Novembru 2011 izda kontra l-provvediment tal-Qorti Kriminali li bih tilef id-depozitu u garanzija li kien ghamel, meta gie revokat il-helsien provvizorju mill-arrest. Kontra dan l-appell l-Avukat Generali ressaq eccezzjoni fis-sens li dan id-digriet ma kienx appellabbli la darba r-rikorrenti ma appellax mis-sentenza tat-2 ta' Novembru 2011.

Fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali r-rikorrenti ghamel talba biex iressaq il-prezenti ilment kostituzzjonali fejn qed jigi sottomess illi r-rikorrenti ma ghandux rimedju mid-digriet tal-4 ta' Dicembru 2009 jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ser tqis dan id-digriet bhala wiehed interlokutorju.

**Eccezzjoni tal-intempestivita tal-azzjoni**

Din il-Qorti hi perplessa b'din il-kawza imressqa mir-rikorrent peress illi hu appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara s-sentenza ta' kundanna u prigunerija fit-2 ta' Novembru 2011 mid-digriet li inghata kontrih ta' revoka ta' liberta provvizorja u konfiska tad-depozitu u garanzija personali li ghamel l-istess rikorrenti bhala kundizzjoni li ma jivvjolax it-termini imposti fil-liberta provvizorja. Hu minnu illi l-Avukat Generali oppona ghall-ammissibilita tal-

appell pero l-kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghad ma hemm ebda pronunzjament a rigward.

Il-fatt li r-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali hu prima facie prezunt li kien konvint li tali appell kien ammissibbli. Ghalhekk il-Qorti ma tifhimx kif ir-rikorrenti jista' jallega a priori ksur tad-drittijiet tieghu ta' nuqqas ta' doppio esame meta tali dritt ghadu lanqas jidher li gie imcahhad lilu b'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Din il-Qorti ghandha l-jedd li tisma' lanjanzi ta' natura kostituzzjonali fejn hemm il-biza li xi dritt lamentat x'aktarx ser jigi miksur izda dan ma jfirssirx li din il-Qorti ghandha tintratjeni kwistjonijiet fl-astratt jew ksur possibbli fil-futur b'mod ipotetiku. Il-biza ta' ksur irid ikun wiehed reali u imminenti. Ara **Joseph sive Nadia Hili vs Avukat Generali et** (QK 30/05/2003).

Ma ingiebet ebda prova li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat xi hjiel li kienet ser tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita tal-appell la fil-mori tal-proceduri sa issa u anqas fid-digriet taghha tal-14 ta' April 2015 fejn issoprassidiet pendenti l-ezitu tal-procedura odjerna. L-eccezzjoni tal-Avukat Generali mhix vangelu u bl-ebda mod ma ghandha titqies gustifikata sakemm il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun ikkonsidrat tali eccezzjoni wara li tkun semghet lil partijiet u iddecidiet dwarha.

Ir-rikorrenti ghadu fl-istadju li qed isegwi r-rimedju ordinarju li hu stess, bl-inizjar tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dehrlu li jista' jwassal ghal gudizzju fuq il-pregudizjali imressqa minnu. Dan l-appell ghadu hemm u mhux deciz. Ma jistax fl-istess nifs ir-rikorrenti jitlob lil din il-Qorti li tiskarta r-rimedju li qed isegwi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u jitlobha tiddeciedi jekk, fl-eventwalita li l-appell ma jintlaqax, jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet tieghu.

Tali talba maghmula quddiem din il-Qorti hi perikoluza immens ghax ir-rikorrenti qed effettivament jitlob lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni prezenti, tuzurpa l-poteri u d-drittijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tiddeciedi l-lanjanzi ta' natura

penali imressqa quddiem dik il-Qorti, liema lanjanza hi ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Eccezzjoni dwar il-vires li din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq interpretazzjoni tal-ligi Kriminali**

L-ewwel eccezzjoni necessarjament tferra fuq din l-eccezzjoni ghax dak li qed jitlob ir-rikorrent hu illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tigi svestita mill-gurisdizzjoni taghha fuq il-mertu tal-appell u l-eccezzjoni tal-inammissibilita tieghu billi tali mertu jigi indirettament deciz minn din il-Qorti billi titratta u tiddeciedi hi in-natura tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Dicembru 2009 u jekk tali digriet kienex appellabbli bil-mod kif ghazel li jappella r-rikorrent wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Novembru 2011. Dan ma ghandux isir u ma ghandux jigi permess li jsir. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Miriam Borg vs Emanuel sive Lino Grech noe** (PA 09/05/1996)

> L-interpretazzjoni tal-ligi penali hija l-kompitu tal-Qorti b'gurisdizzjoni kriminali mhux din il-Qorti, li ma hiex Qorti tal-Appell Kriminali. Il-kompitu ta' din il-Qorti, jekk il-partijiet jidhru quddiemha fil-kompetenza kostituzzjonli taghha, ikun li tara jekk il-konsegwenzi ta' dik l-interpretazzjoni tal-ligi penali mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali jmorrux kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea li huma generalment oghla mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.

Ftit hemm x'izzid din il-Qorti ma' dak li intqal f'dik is-sentenza u in effetti irendi l-ewwel talba tar-rikorrenti bhala inammissibbli quddiem din il-Qorti.

**L-inapplikabilita tal-artikolu 415(2) tal-Kodici Kriminali**

Din il-Qorti ma tqis li ghandha tidhol fil-mertu ta' din il-kwistjoni la darba l-Qorti qed tqis illi l-ammissibilita tal-appell tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghadu qed jigi kunsidrat u din il-Qorti trid tistenna bilfors l-interpretazzjoni tal-istess Qorti dwar l-applikabilita o meno tal-artikoli rilevanti fosthom l-artikolu 415 biex minn hemm wiehed ikun f'pozizzjoni jara in effetti hemmx lok ta' kunsiderazzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali fis-sens li tali artikolu jista' jkun lesiv tad-drittijiet tar-rikorrenti. La darba l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghadhom miftuha u bl-ebda mod pregudizjevoli

ghar-rikorrent, din il-Qorti ma ghandhiex taqa' fit-tentazzjoni li taghti hi interpretazzjoni fuq il-ligi kriminali. Wara kollox jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali issib li l-appell hu ammissibli, allura dan ir-rikors verament ikun sar bla bzonn.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti tqis illi ghadhom jigu milqugha l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Avukat Generali fil-waqt li tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-tielet eccezzjoni u kwindi tichad it-talbiet tar-rikorrent kif maghmula, bl-ispejjez ghall-istess rikorrent.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur